PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2008/2160(INI)

20.1.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar it-tisħiħ tas-sigurtà u tal-libertajiet fundamentali fuq l-Internet (2008/2160(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Manolis Mavrommatis

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-Internet jikkostitwixxi għodda importanti u unika, li tikkontribwixxi, inter alia, għall-iżvilupp u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni, il-formazzjoni tal-opinjonijiet, it-tixrid u l-promozzjoni tal-kultura u tal-għerf, u għall-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi,

B. billi, minħabba d-dimensjoni interstatali tiegħu, l-Internet huwa rregolat minn qafas legali Ewropew u internazzjonali li jkopri kwistjonijiet bħal m'huma l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-ħarsien tad-dejta personali u għall-ħarsien tad-drittijiet tal-awtur, u l-użu sikur tal-Internet, b'mod partikulari minn minorenni u minn gruppi soċjali vulnerabbli,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni ta' programm Komunitarju multiannwali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u teknoloġiji oħra tal-komunikazzjoni u jittama li l-programm ikun implimentat mal-ewwel opportunità li titfaċċa;

2. Jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, lill-fornituri tal-Internet, lir-rappreżentanti tal-utenti u lill-korpi kompetenti simili kollha biex irażżnu u gradwalment ineħħu għal kollox il-kontenut online li jkun illegali u ta' ħsara;

3. Jagħraf li l-użu mifrux ħafna tal-Internet jista' jġib benefiċċji ekonomiċi u soċjali sinifikanti u jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tkomplija sal-aħħar tas-suq intern; iqis, madankollu, li għandhom jittieħdu miżuri biex ikun żgurat li d-drittijiet fundamentali kollha tal-persuni, ibbażati fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ikunu dejjem salvagwardjati u mħarsa u li jkun hemm bilanċ ġust bejn id-drittijiet u l-libertajiet tal-partijiet kollha kkonċernati;

4. Ifakkar fil-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Ħarsien u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali li daħlet fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2007 u li tenfasizza li l-espressjonijiet kulturali ma jistgħux jitqiesu bħala sempliċement oġġetti ta' negozjati kummerċjali peress li għandhom natura doppja (ekonomika u kulturali) u għandhom, għalhekk, ikunu mħarsa mill-abbuż fuq l-Internet;

5. Jappoġġja, għalhekk, l-iżvilupp ta' qafas legali għall-kontenut kulturali u kreattiv ta' fuq l-Internet u l-ġlieda kontra l-piraterija.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	20.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Ivo Belet, Guy Bono, Marie-Hélène Descamps, Věra Flasarová, Milan Gaľa, Vasco Graça Moura, Lissy Gröner, Luis Herrero-Tejedor, Ruth Hieronymi, Mikel Irujo Amezaga, Ramona Nicole Mănescu, Manolis Mavrommatis, Ljudmila Novak, Doris Pack, Zdzisław Zbigniew Podkański, Pál Schmitt, Hannu Takkula, Thomas Wise, Tomáš Zatloukal
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Gyula Hegyi, Nina Škottová, László Tőkés, Ewa Tomaszewska, Cornelis Visser
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Berger